MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1257/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Yacouba Doumbia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Yacouba Doumbia ta’ 31 sena, bin Osmana u Asta, imwieled Mali fl-20 ta’ Jannar, 1983, residenti gewwa l-Marsa u detentur ta’ numru moghti mill-Pulizija 11F-287.

Akkuzat talli fis-17 ta’ Dicembru 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’ dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’ dokument Taljan li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f’ isem Yacouba Doumbia Passaport bin-numri 488466 u Dokument ta’ Residenza Taljana bin-numru 103956380 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokument jew kopja vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta’ Malta)

U fl-ahharnett talli ghamel reat waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat A. Demicoli), datata 26 ta’ Novembru, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Dicembru 2014 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Dicembru, 2014 ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda ukoll il-fatt li l-imputat ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza .

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Art. 32(1)(d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17, 28A sa H u 189 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u

tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija u inoltre tordna li l-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi li gie kkundannat l-imputat permezz ta' sentenza tas-26 ta' Novembru, 2012 jigu rezi operattivi sabiex b' hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta' sentejn (2) u seba' (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------